MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Avviz Numru. 385/2006

**Martin Degiorgio (I.D. 104870M)**

**Vs**

**Harry Vassallo (I.D. 152155M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundanat li :

1) prevja dikjarazzjoni illi bhala l-awtur ta' l-artikolu intestat : 'Zero tolerance of the intolerant', liema artikolu gie ppublikat fil-gazzetta 'The Times' fl-edizjoni tat-tlettax (13) ta' Ottubru, 2006, huwa responsabbli ta' malafama u libel fil-konfront ta' l-attur stante li siltiet mill-imsemmija pubbblikazzjoni kienu malafamanti u libelluzi peress li l-iskop taghhom kien li jtellef jew inaqqas r-reputazzjoni tieghu;

2) thallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-Artikolu 28 ta-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta, liema somma ma teccedix il-hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni, u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett :

1) Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li dak kollu miktub fl-artikolu ndikat fl-avviz jikkostitwixxi 'fair comment' dwar persuna pubblika;
2) Illi bla pregudizzju ghal dan, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda a bazi tal-fatt li ghandu jirrizulta lil din il-Qorti li bl-ebda mod l-artikolu indikat ma kien intiz li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' l-attur kif indikat fl-Artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa, (Kapitolu 248);
3) Salvi eccezzjonijiet ohra

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 27, fol 28 u fol 30 tal-atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, f'dan il-kaz, il-konvenut sfortunatament ma pproduca ebda prova in sostenn ta' dak eccepit minnu fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu. Minhabba hekk, il-Qorti tista' <u>biss</u> tiddeciedi l-mertu jerga' jigi ripetut sfortunatament a bazi tal-provi prodotti mill-attur.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, fix-xhieda tieghu, l-attur, li hu nvolut fil-moviment bl-isem ta' Alleanza Nazzjonali Republikana ghamel riferenza ghall-artikolu ppublikat fil-harga ta' gazzetta lokali fit-13 ta' Ottubru, 2006, esebit in atti a fol 7, intestat 'Zero tolerance of the intolerant' u li tieghu il-konvenut huwa l-awtur. F'dan l-artikolu, l-attur qed joggezzjona u

qed jibbaza l-azzjoni in esami ta’ libel u malafama fuq din il-parti mmarkata b’’highlighter’ celesti li fiha hemm riferenza diretta u specifika ghalih waqt li jiddeskrivi l-parti rimanenti tal-istess artikolu bhala wahda “…….li jiddenigra lili”. Skond l-attur “……….. l-artikolu jirreferi ghalija bhala nazzista psikopatiku” u “Din bhala impressjoni biss pero’“. Dwar dak li jinghad fl-istess artikolu, l-attur spjega illi hu kien prezenti fl-istabiliment kummercjali msemmi fl-istess artikolu waqt li “……. kienet qed issir din l-ikla hemmhekk imsemmija” li permezz taghha kien qed jigi celebrat il-jum tat-twelid ta’ Adolph Hitler. L-attur jsostni li hu ma kienx qed jippartecipa f’din l-ikla izda kien presenti fl-istess stabbiliment peress li kien qed jattendi hemmhekk “……… ghall-ikla ta’ habiba tieghu Svediza, certa Christine Steen ………. ghax kienet ser titlaq minn Malta”. Flimkien mal-attur kien hemm madwat ghaxra minn nies ohrajn formanti parti minn assocjazzjoni bl-isem ta’ ‘Historical Reenactment Group of Malta’, li taghha l-attur hu ufficjal ewlieni. Fl-istess waqt u fuq mejda ohra kien hemm madwar ghoxrin ruh, li minn hemm hu kien jaf uhud minnhom u ghal certu perjodu ta’ hin hu tkellem maghhom, biss minghajr ma kiel jew xorob maghhom. Skond l-attur, fost dwak li hemm madwar din il-mejda kien hemm kollezzjonisti ta’ armi storici. Dwar il-programm imsemmi fl-istess artikolu, l-attur sostna illi fl-istess xandira, hu kien cahad b’mod kategoriku illi kien organizza xi ikliet f’jum it-twelid ta’ Adolph Hitler (ara l-anness “DVD” a fol 18 ibid). Fl-ahhar nett ix-xhud sostna illi “……..bl-ebda mod ma jiena kontra l-Lhud”.

Illi in sostenn ta’ dak li xehed, l-attur ipproduca lill-imsemmija Christine Steen (fol 19 ibid), Malcolm Seychell (fol 27 ibid) li kien fost dawk in-nies presenti ghall-ikla l-ohra, konsistenti f’’bollettin’ (presumibilment kollezzjonisiti) izda aktarx “…… organizzata ghal Hitler” kif sar jaf mill-gazzetta avolja hu mhux kollezzjonist u t-traskrizzjoni ta’ xhieda maghluqa f’kaz iehor minn Lawrence Attard Bezzina (fol 25 ibid) li ddeskriva lill-attur bhala wiehed “……… favur ul-Lhud ……..”.

Ikkunsidrat

Illi kif digja inghad, il-Qorti tista' tiddeciedi dan il-kaz a bazi biss tal-provi prodotti mill-attur stante li l-konvenut ma gab ebda prova in sostenn tal-eccezzjonijiet sottomessi minnu. Illi mill-provi jidher illi l-attur hu impenjat fil-moviment bl-isem ta' 'Alleanza Nazzjonali Repubblikana' u a konjizzjoni ta' din il-Qorti ma ingieb xejn sabiex jigi muri b'mod car illi l-attur hu simpatizzanti tal-idejologija nazzista b'dak kollu li dan it-twemmin jimplika. Dan premess mill-provi prodotti mil-attur jidher li kontrarjament ghal dak allegat fl-artikolu in esami, l-attur filfatt qatt ma kien attenda xi celebrazzjoni fid-data ta' twelid tal-personagg storiku msemmi. Difatti l-Qorti tinsab sorpriza li hemm xi nies li jahsbu u jsostnu illi tali personagg hu b'xi mod denn u meritwali tali celebrazzjoni tenut kont tal-veritajiet storici marbutin ma dak li gab it-twemmin politiku skabruz tal-istess personagg. Illi, inoltre l-attur jsostni illi waqt il-programmi msemmi fl-istess artikolu, hu kien cahad illi organizza xi celebrazzjoni forma ta' ikliet fid-data tat-twelid tal-istess karattru storiku, kontrarjament ghal dak li qed jigi allegat fl-artikolu.

Ikkunsidrat

Illi l-konklusjoni ta' dak premess din il-Qorti ghandha taccetta dik li xehed l-attur kif sostnut mill-provi prodotti minnu, specjalment minhabba in-nuqqas ta' produzzjoni ta' xi prova kontrarja.

Ikkunsidrat

Illi l-artikolu in esami, b'mod car, qed jindika u jallega illi l-attur jabbraccja it-terminu u l-edejologija majjista u illi hu simpatizzanti tal-istess filosofija politika. Dan certament ma jikkonstitwiex qatt f'dan il-kaz dejjem ghar-raguni premessa diversi drabi. Dan certament jikkostituxxi ghall-istess ragunijiet malafama fil-konfront tal-attur specjalment meta wiehed hu ndirizzat u deskritt bhala "……….in their rasped minds". Tali kumment kien jkun "fair", biss jekk mill-provi kien jirrisulta illi l-attur hu, filfatt, simpatizzanti odjern tal-idejologija msemmija.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, il-konvenut ghandu jigi kunsiderat bhala responsabbli ta' malafama fil-konfront tal-attur. In rigward il-"quantum" li ghandu jigi moghti bhala danni lill-attur, il-Qorti tara illi l-istess attur jappartjeni lill-moviment hawn fuq imsemmi li ghandu jigi kunsiderat bhala karattru pubbliku. Minhabba hekk, ghandu jigi protett bir-reputazzjoni tieghu izda ghandu jinghad ukoll illi jkun lest u jista' jigi sottomess ghal kritiku u kummenti anke horox b'mod aktar liberu u ampju milli f'kaz li kien cittadin privat. Ghalhekk il-Qorti ser izzomm l-ammont ta' danni dovut kemm jista' jkun baxx sabiex kemm jista' jkun ma tigiex mahruga l-liberta' ta' l-espressjoni. Minhabba dan li ghadu kemm inghad l-ammont ta' dan ser jigi likwidat fis-somma ta' Lm50 ossija €116.47.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u :

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala l-awtur ta' l-artikolu intestat "Zero tolerance of the intolerant" liema artikolu gie ppublikat fil-gazzetta "The Times" fl-edizzjoni tat-tlettax (13) ta' Ottubru, 2006, bhala responsabbli ta' malafama u libel fil-konfront tal-attur stante li siltiet mill-imsemmija puibblikazzjoni kienu malfamanati u libelluz peress li l-iskop taghhom kien li jtellef jew jnaqqas ir-reputazzjoni tieghu ;
2. Tikkundana lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma kif likwidata ta' €116.47 ai termini tal-artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-ispejjes ta' din il-procedura u l-imghaxijiet legali mill-5 ta' Dicembru, 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------